MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2003

Numru 11/2001

**Ir-Repubblika ta’ Malta**
**Vs**
**Martin Mifsud**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 11 tas-sena 2001 kontra l-akkuzat Martin Mifsud, li bih huwa gie akkuzat talli :

1) fil-hdax (11) ta’ Marzu, tas-sena elf disa’ mija u tmienja u disghin (1998) ghall-habta tat-tlieta ta’ wara nofsinhar (3.00 p.m.) waqt li kien gewwa il-Forn u Confectionery maghrufa bhala Godwin Bakery, San Gwann, hu kellu argument ma Julian Zammit dwar xi flus li kienu nstabu neqsin u f’mument minnhom Martin Mifsud qabad senter u dolozament bil-hsieb li joqtol lil Julian Zammit jew li jqieghdlu l-hajja tieghu f'perikolu car, sparalu w ikkagunalu l-mewt. Ghalhekk b’ghemilu l-imsemmi Martin Mifsud sar hati t’omicidju volontarju u cioe talli dolozament bil-hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja taghha f’perikolu car,

ikkagunalha l-mewt, u dana skond l-Ewwel Kap ta’ l-Att ta’ l-Akkuza;

2) fil-hdax (11) ta’ Marzu, tas-sena elf disa’ mija u tmienja u disghin (1998) ghall-habta tat-tlieta ta’ wara nofs inhar (3.00 p.m.) Martin Mifsud spara u qatel lil Julian Zammit b’senter tal-marka “Luigi Franchi” li jgib in-numru tas-serje T 16441 f’San Gwann. Illi wara l-isparatura huwa baqa’ sejjer bis-senter f’garage fil-vicinanzi tal-post fejn sar il-kaz. Ghalhekk b’ghemilu l-imsemmi Martin Mifsud sar hati talli fil-hin li ghamel delitt kontra l-persuna kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar u arma regolari u dan ghal ebda ghan legittimu, u dana skond it-Tieni Kap ta’ l-Att ta’ l-Akkuza.

Rat il-verdett tal-gurija ta’ llum stess li bih unanimament iddikjaraw lill-akkuzat mhux hati tal-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza ghaliex aggixxa minhabba il-bzonn attwali tad-difiza legittima tieghu innifsu jew ta’ haddiehor u li bih ukoll unanimament iddikjaraw lill-akkuzat mhux hati tat-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza;

Tiddikjara ghalhekk lil Martin Mifsud mhux hati tal-Ewwel u tat-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza u wara li rat l-Artikolu 487 tal-Kodici Kriminali (Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta), tiddikjara lil Martin Mifsud mehlus u tordna li jigi liberat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------